**Bil-mod ħabib**

Kif ħtafni għodu għodu
Lanqas raddejna s-salib,
Bil-qatgħa l'għandi fuqi
Aħjar li nsejjaħ lit-tabib.

Nifhem li r-roti qabżu
Ta' kulħadd itir il-fus,
Imma ftakar dil-ħaġa
Il-korla taqta' daqs mus.

Hi tagħmel bil-wisq ġrieħi
Li forsi jagħlqu bil-mod,
Biż-żmien jibdew jitfejqu
Il-qalb titweġġa' w tirtogħod.

Kif inhi l-ħajja ħija
Kemm tlajja fiha w inżul,
Hi għajta għall-imħabba
Taf tferra' demm bil-gelgul.

Le ħija, mbierka l-ħlewwa
Li ssaltan fost ħafna qlub,
Kemm tagħmlilna wisq
Teħlisna bil-qrar mid-dnub.

Il-ħlewwa duwa kbira
Għall-qalb b'ħafna piżijiet,
Ejja nużawha ħija
Ħa tfejjaqna mill-ħtijiet.

Wara kollox m'hemmx ħtija
Hi biss it-temp tal-bniedem,
Ħallieh jikber kif jista'
Mintix tarah hemm ħiemed?

Is-sema kbir bil-bosta
Jinfirex ma' kullimkien,
Hekk jagħmel ħuk is-sieket
M'għandux jedd għal ftit tas-snien?

Imbierka l-kbira grazzja
Li twessa' il-viżjoni,
Li tifdi minn ġol-ħofra
Tfejjaq l-indannazjoni.

Ħallejtek ħija għall-kwiet
M'hemmx isbaħ minn tant ħlewwa,

Tinstab fejn tinstab barka
Għal min irid is-sewwa.

U meta ser jitlagħlek
Ftakar x'għad jiġri wara,
Mhux aħjar tibdel triqtek
Milli tistaqsi x'ġara?

Patri Mario Attard OFM Cap
29 ta' Diċembru 2023

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.